

PARLAMENT EWROPEW

2004



2009

Dokument ta' sessjoni

FINALI
A6-0247/2006(COD)

17.7.2006

*****I**

RAPPORT

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-klassifika ta' l-istatistika ta' attivitajiet ekonomiċi Reviżjoni 2 tan-NACE u jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3037/90 kif ukoll ċerti Regolamenti tal-KE dwar setturi speċifiċi ta' l-istatistika (COM(2006)0039 – C6-0041/2006 – 2006/0011(COD))

Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji

Rapporteur: Guntars Krasts

Tifsira tas-simboli użati

- * Proċedura ta' konsultazzjoni
maġġoranza tal-voti mitfugħa
- **I Proċedura ta' koperazzjoni (l-ewwel qari)
maġġoranza tal-voti mitfugħa
- **II Proċedura ta' koperazzjoni (it-tieni qari)
maġġoranza tal-voti mitfugħa, sabiex tiġi approvata l-pożizzjoni komuni
maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, sabiex tiġi miċħuda jew emendata l-pożizzjoni komuni
- *** Proċedura ta' kunsens
maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, apparti fil-każi msemmija fl-Artikoli 105, 107, 161 u 300 tat-Trattat KE u fl-Artikolu 7 tat-Trattat UE
- ***I Proċedura ta' kodeċiżjoni (l-ewwel qari)
maġġoranza tal-voti mitfugħa
- ***II Proċedura ta' kodeċiżjoni (it-tieni qari)
maġġoranza tal-voti mitfugħa, sabiex tiġi approvata l-pożizzjoni komuni
maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, sabiex tiġi miċħuda jew emendata l-pożizzjoni komuni
- ***III Proċedura ta' kodeċiżjoni (it-tielet qari)
maġġoranza tal-voti mitfugħa, sabiex jiġi approvat it-test konġunt

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi legali proposta mill-Kummissjoni.)

Emendi għal test leġiżlattiv

Fl-emendi li jsiru mill-Parlament, it-test emendat huwa indikat b' tipa ***qawwija korsiva***. Test *korsiv normali* huwa indikazzjoni għas-servizzi tekniċi li turi partijiet tat-test leġiżlattiv li għalihom qed tkun proposta korrezzjoni bl-iskop li tgħin fil-preparazzjoni tat-test finali (pereżempju, żbalji ovvjji jew nuqqasijiet f'verżjoni lingwistika minnhom). Il-korrezzjonijiet proposti huma suġġetti għall-qbil tas-servizzi tekniċi involuti.

WERREJ

	Pàġna
ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW.....	7
NOTA SPJEGATTIVA	34
PROCĊEDURA	39

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jstabbilixxi l-klassifika ta' l-istatistika ta' attivitajiet ekonomiċi Reviżjoni 2 tan-NACE u jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3037/90 kif ukoll ċerti Regolamenti tal-KE dwar setturi speċifiċi ta' l-istatistika
(COM(2006)0039 – C6-0041/2006 – 2006/0011(COD))

(Proċedura ta' kodeċiżjoni: l-ewwel qari)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2006)0039)¹,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 251(2) u l-Artikolu 285(1) tat-Trattat KE, skond liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C6-0041/2006),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 51 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji (A6-0247/2006),
1. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni kif emendata;
 2. Jitlob lill-Kummissjoni sabiex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk għandha l-ħsieb li temenda l-proposta b'mod sustanzjali jew li tibdilha b'test ieħor;
 3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

Test propost mill-Kummissjoni

Emendi tal-Parlament

Emenda 1 PREMESSA 3

(3) Klassifika aġġornata bħala r-Rev. 2 tan-NACE hija ċentrali għall-isforzi li qed tagħmel il-Kummissjoni sabiex ikunu **riveduti** l-istatistiċi tal-Komunità; din hija mistennija li twassal, permezz ta' *data* aktar komparabbli u rilevanti, governanza ekonomika aħjar fil-livell tal-KE u dak

(3) *Klassifikazzjoni* aġġornata **bħar**-Rev. 2 tan-NACE hija ċentrali għall-isforzi li qed tagħmel il-Kummissjoni sabiex **ikunu riveduti bir-reqqa** l-istatistiki tal-Komunità; din hija mistennija li twassal, permezz ta' *dejta* aktar komparabbli u rilevanti, *għal* governanza ekonomika aħjar fil-livell tal-KE

¹ Għadha mhux ippubblikata fil-ĠU.

nazzjonali.

u dak nazzjonali.

Ġustifikazzjoni

Titjib lingwistiku.

Emenda 2
PREMESSA 4

(4) Sabiex jiffunzjona, is-suq intern jeħtieġ normi ta' l-istatistika applikabbli għall-ġbir, it-trażmissjoni u l-pubblikazzjoni ta' l-istatistika nazzjonali u tal-Komunità sabiex ***l-intapriżi***, l-istituzzjonijiet finanzjarji, il-gvernijiet u l-operaturi l-oħra kollha f' Suq Wieħed ikunu pprovduti b' data ta' l-istatistika li tkun ta' min joqgħod fuqha u komparabbli. Għal dan il-***għan***, huwa vitali li l-kategoriji varji tal-*klassifika* ta' l-attivitajiet fil-Komunità Ewropea jkunu interpretati b' mod uniformi fl-Istati Membri kollha.

(4) Sabiex jiffunzjona, is-suq intern jeħtieġ *standards statistiċi* applikabbli għall-ġbir, it-trażmissjoni u l-pubblikazzjoni ta' l-istatistika nazzjonali u tal-Komunità sabiex ***l-intrapriżi***, l-istituzzjonijiet finanzjarji, il-gvernijiet u l-operaturi l-oħra kollha *fis-suq wieħed* ikunu *jistgħu jiġu* pprovduti b' *dejta statistika* li tkun ta' min joqgħod fuqha u komparabbli. Għal dan il-***għan***, huwa vitali li l-kategoriji varji tal-*klassifikazzjoni* ta' l-attivitajiet fil-Komunità Ewropea jkunu interpretati b' mod uniformi fl-Istati Membri kollha.

Ġustifikazzjoni

(Ma taffettwax il-verżjoni Maltija.)

Emenda 3
PREMESSA 5

(5) Statistika ta' min joqgħod fuqha u komparabbli hija neċessarja biex tippermetti lill-***intrapriżi jistmaw*** il-kompetittività tagħhom, u hija utli għall-Istituzzjonijiet tal-Komunità *biex jipprevjenu* distorsjonijiet tal-kompetizzjoni.

Statistika ta' min joqgħod fuqha u komparabbli hija neċessarja biex tippermetti lill-***intrapriżi jevalwaw*** il-kompetittività tagħhom, u hija utli għall-Istituzzjonijiet tal-Komunità *fil-prevenzjoni ta'* distorsjonijiet tal-kompetizzjoni.

Ġustifikazzjoni

Ma taffettwax il-verżjoni Maltija.

Emenda 4
PREMESSA 6

(6) L-istabbiliment ta' *klassifika komuni ta'*

(6) L-istabbiliment ta' *klassifikazzjoni*

*l-istatistika fir-rigward ta' l-attivitajiet ekonomiċi ma tobbligax per se lill-Istati Membri biex jiġbru, jipubblikaw jew jissupplixxu d-data. Jekk l-Istati Membri jużaw **klassifiki ta' l-attivitajiet** marbuta mal-*klassifika* tal-Komunità biss, ikun possibbli li jkun ipprovdut tagħrif integrat bil-kredibilità, ħeffa, flessibilità u grad ta' dettal meħtieġ għall-ġestjoni tas-suq intern.*

*statistika komuni reveduta ta' l-attivitajiet ekonomiċi ma tobbligax per se lill-Istati Membri biex jiġbru, jipubblikaw jew jissupplixxu d-dejta. Jekk l-Istati Membri jużaw **klassifikazzjonijiet ta' l-attivitajiet** marbuta mal-*klassifikazzjoni* tal-Komunità biss, ikun possibbli li jkun ipprovdut tagħrif integrat bil-kredibilità, ħeffa, flessibilità u grad ta' dettal meħtieġ għall-ġestjoni tas-suq intern.*

Ġustifikazzjoni

Kjarifika lingwistika.

Emenda 5 PREMESSA 7

*(7) Għandu jittieħed **ħsieb** li l-Istati Membri jkun **kapaċi**, sabiex jissodisfaw il-**ħtiġiet** nazzjonali, **idahlhu** fil-*klassifiki* nazzjonali tagħhom kategoriji addizzjonali msejsa fuq il-*klassifika ta' l-istatistika fir-rigward* ta' l-attivitajiet ekonomiċi fil-Komunità Ewropea.*

*(7) Għandhom isiru **dispożizzjonijiet** li jippermettu lill-Istati Membri **li**, sabiex jissodisfaw **rekwiżiti** nazzjonali, **jintegraw** fil-*klassifikazzjonijiet* nazzjonali tagħhom kategoriji addizzjonali msejsa fuq il-*klassifikazzjoni statistika* ta' l-attivitajiet ekonomiċi fil-Komunità Ewropea.*

Ġustifikazzjoni

Titjib lingwistiku.

Emenda 6 PREMESSA 9

*(9) L-użu tal-**klassifika** ta' l-attivitajiet ekonomiċi fil-Komunità jitlob li l-Kummissjoni tkun megħjuna mill-**Kumitat tal-Programm dwar l-Istatistika** imwaqqaf bid-Deċizzjoni tal-Kunsill 89/382/KEE, l-Euratom partikularment **fejn jirrigwarda** l-**eżaminazzjoni** ta' problemi li **joħorġu** mill-implimentazzjoni tar-Rev. 2 tan-NACE, **it-tranżizzjoni** **bil-mod** mir-Rev. 1 tan-NACE għar-Rev. 2 tan-NACE, kif ukoll l-inkorporazzjoni ta' l-emendi tar-Rev. 2 tan-NACE.*

*(9) L-użu tal-**klassifikazzjoni** ta' l-attivitajiet ekonomiċi fil-Komunità jitlob li l-Kummissjoni tkun megħjuna mill-**Kumitat għall-Programm Statistiku** imwaqqaf bid-Deċizzjoni tal-Kunsill 89/382/KEE, Euratom partikularment **fir-rigward ta' l-eżami** ta' problemi li **jinħolqu** mill-implimentazzjoni tar-Rev. 2 tan-NACE, **tranżizzjoni** **koordinata b'mod sħiħ** mir-Rev. 1 tan-NACE għar-Rev. 2 tan-NACE, kif ukoll l-inkorporazzjoni ta' l-emendi tar-Rev. 2 tan-NACE.*

Ġustifikazzjoni

Importanti li t-tranżizzjoni mir-Rev. 1 tan-NACE għar-Rev. 2 tan-NACE hija "koordinata b'mod sħiħ", u b'hekk din il-frażi tintuża minflok il-frażi "bil-mod".

Emenda 7

PREMESSA 13

(13) Il-miżuri meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament ***għandhom ikunu adottati skond id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li tistabbilixxi l-proċeduri għall-eżerċizzju tas-setgħat ta' implimentazzjoni mogħtija lill-Kummissjoni.***

(13) ***Peress li l-miżuri meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament huma miżuri ta' skop ġenerali fit-tifsira ta' l-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li tistabbilixxi l-proċeduri għat-tħaddim tas-setgħat ta' implimentazzjoni mogħtija lill-Kummissjoni, għandhom jiġu adottati bl-użu tal-proċedura regolatorja stipulata fl-Artikolu 5 ta' dik id-Deċiżjoni.***

Ġustifikazzjoni

Huwa ċar li l-miżuri ta' implimentazzjoni elenkati fl-Artikolu 7 huma fl-iskop tal-miżuri deskritti fl-Artikolu 2 tar-Regolament 1999/468/KE, li jistipula l-proċeduri għat-tħaddim tas-setgħat ta' implimentazzjoni mogħtija lill-Kummissjoni. Għalhekk huwa xieraq li l-miżuri ta' implimentazzjoni jiġu implimentati permezz tal-proċedura rrakkomandata fl-Artikolu 2 tar-Regolament 1999/468/KE, li hija l-proċedura regolatorja stipulata fl-Artikolu 5 ta' dik id-Deċiżjoni.

Emenda 8

PREMESSA 13 A (ġdida)

(13a) Peress li l-obbjettiv ta' dan ir-Regolament, jiġifieri l-ħolqien ta' standards statistiċi komuni li jippermettu l-produzzjoni ta' dejta armonizzata, ma jistax jintlaħaq biżżejjed mill-Istati Membri u għalhekk jista' jintlaħaq aħjar fil-livell tal-Komunità, il-Komunità tista' tadotta miżuri, skond il-prinċipju ta' sussidjarjetà kif stipulat fl-Artikolu 5 tat-Trattat. Skond il-prinċipju tal-proporzjonalità, kif imfisser f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ biex jinkiseb dak l-għan.

Ġustifikazzjoni

Huwa essenzjali li jkun iddikjarat li l-prinċipji ta' sussidjarjetà u ta' proporzjonalità huma applikabbli b'mod sħiħ fil-kuntest ta' dan ir-Regolament.

Emenda 9
ARTIKOLU 4, PARAGRAFU 5

5. Il-Kummissjoni għandha, flimkien ma' l-Istat Membru kkonċernat, tirrevedi perjodikament id-dispożizzjonijiet mogħtija *taħt dan l-Artikolu* biex ikun ivverifikat jekk għadhomx iġġustifikati.

5. Il-Kummissjoni għandha, flimkien ma' l-Istat Membru kkonċernat, tirrevedi perjodikament id-dispożizzjonijiet mogħtija *skond il-paragrafu 4* biex ikun ivverifikat jekk għadhomx iġġustifikati.

Ġustifikazzjoni

Ir-referenza għall-paragrafu 4 tikkjarifika l-iskop tal-paragrafu 5.

Emenda 10
ARTIKOLU 5, PARAGRAFU 1, PARTI INTRODUTTORJA

1. Il-Kummissjoni għandha tiżgura *it-tixrid*, iż-żamma u l-promozzjoni tar-Rev. 2 tan-NACE, partikularment billi:

1. Il-Kummissjoni, ***b'koperazzjoni ma' l-Istati Membri***, għandha tiżgura *t-tixrid*, iż-żamma u l-promozzjoni tar-Rev. 2 tan-NACE, partikularment billi:

Ġustifikazzjoni

Huwa importanti li attivitajiet tal-Kummissjoni fir-rigard tat-tixrid, taż-żamma u tal-promozzjoni tar-Rev. tan-NACE isiru "b'koperazzjoni ma' l-Istati Membri".

Emenda 11
ARTIKOLU 5, PARAGRAFU 1, PUNT (C)

c) tippubblika tabelli ta' *konkordanza* bejn ir-Rev. 1.1 tan-NACE u Rev. 2 tan-NACE;

c) tippubblika tabelli ta' *korrispondenza* bejn ir-Rev. 1.1 tan-NACE u r-Rev. 2 tan-NACE ***u bejn ir-Rev. 2 tan-NACE u r-Rev. 1.1 tan-NACE;***

Ġustifikazzjoni

Għandhom ikunu disponibbli tabelli ta' korrispondenza kemm mill-klassifikazzjoni antika għall-ġdida kif ukoll mill-ġdida għall-antika.

Emenda 12
ARTIKOLU 5, PARAGRAFU 2

2. Il-Kummissjoni għandha tiegħu l-miżuri imħassar meħtieġa biex tiżgura l-implimentazzjoni tar-Rev.2 tan-NACE .

Ġustifikazzjoni

L-Artikolu 5.2 huwa żejjed peress li l-miżuri ta' implimentazzjoni huma s-suġġett ta' l-Artikolu 6.

Emenda 13
ARTIKOLU 6, PARAGRAFU 1 U PARAGRAFU 2, PARTI INTRODUTTORJA

Il-miżura għall-implimentazzjoni u l-aġġornament tar-Rev. 2 tan-NACE għandha tkun adottata skond il-proċedura msemmija fl-artikolu 7.

*Il-miżuri għall-implimentazzjoni u l-aġġornament tar-Rev. 2 tan-NACE għandhom ikunu adottati skond il-proċedura **regolatorja** msemmija fl-Artikolu 7(2). **Għandu jitqies il-prinċipju li l-benefiċċji mill-aġġornament iridu jkunu akbar mill-ispejjeż ta' l-aġġornament, kif ukoll il-prinċipju li spejjeż u piżijiet addizzjonali jibqgħu f'limitu raġonevoli.***

*Dawn il-miżuri għandhom **jinkludu**:*

*Miżuri bħal dawn għandhom **jinkludu**:*

Ġustifikazzjoni

It-terminu "regolatorja" ddañħal biex jispeċifika t-tip ta' proċedura ta' komitoloġija. Barra minn hekk, ir-referenza għall-Artikolu 7 hija speċifikata b'mod aktar preċiż. L-aġġornament għandu jqis il-benefiċċji ta' l-ispejjeż u għandu jsir bil-prinċipju li spejjeż u piżijiet żejda jibqgħu f'limitu raġonevoli. It-terminu "jinkludu" jikkjarifika li l-lista tal-miżuri hija komprensiva.

Emenda 14
ARTIKOLU 6, PARAGRAFU 2, PUNT (C)

c) miżuri li jiżguraw **it**-tranżizzjoni **bil-mod** mir-Rev. 1.1 tan-NACE għar-Rev. 2 tan-NACE, partikularment fir-rigward ta' kwistjonijiet dwar qtugħ fis-serji kronoloġiċi, inkluż rappurtaġġ doppju u

c) miżuri **tekniċi** li jiżguraw tranżizzjoni **koordinata b'mod sħiħ** mir-Rev. 1.1 tan-NACE għar-Rev. 2 tan-NACE, partikularment fir-rigward ta' kwistjonijiet dwar qtugħ fis-serji kronoloġiċi, inkluż

estrapolazzjoni retroattiva fis-serji
kronoloġiċi.

rappurtaġġ doppju u estrapolazzjoni
retroattiva fis-serji kronoloġiċi.

Ġustifikazzjoni

*It-terminu "tekniċi" ddaħħal biex jikkjarifika li miżuri ta' komitoloġija huma biss ta' natura
teknika. Bħall-emenda 6, minflok it-terminu "bil-mod", iddaħħal it-terminu "koordinata
b'mod sħiħ".*

Emenda 15
ARTIKOLU 7, PARAGRAFU 1

1. Il-Kummissjoni għandha tkun meġhuna
mill-Kumitat tal-Programm dwar l-
Istatistika, **aktar 'il quddiem magħruf bħala
l-«Kumitat»**, stabbilit bid-Deċiżjoni
89/382/KEE, Euratom.

1. Il-Kummissjoni għandha tkun meġhuna
mill-Kumitat għall-Programm Statistiku,
stabbilit bid-Deċiżjoni 89/382/KEE,
Euratom, (**"il-Kumitat"**).

Ġustifikazzjoni

Titjib lingwistiku.

Emenda 16
ARTIKOLU 7, PARAGRAFU 2

2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu,
għandhom japplikaw l-Artikoli 4 u 7 tad-
Deċiżjoni 1999/468/KE, u jkunu kkunsidrati
d-d-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 8 tagħha.

Il-perjodu stipulat fl-Artikolu **4(3)** tad-
Deċiżjoni 1999/468/KE għandu jkun iffissat
għal tliet xhur.

2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu,
**għandha tapplika l-proċedura stipulata fl-
Artikoli 5 u 7** tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, u
jkunu kkunsidrati *d*-dispożizzjonijiet ta' l-
Artikolu 8 tagħha.

Il-perjodu stipulat fl-Artikolu **5(6)** tad-
Deċiżjoni 1999/468/KE għandu jkun iffissat
għal tliet xhur.

Ġustifikazzjoni

*Minflok proċedura ta' mmaniġġjar għandha tkun applikata proċedura regolatorja (ara l-
emenda 7 wkoll).*

Emenda 17
ARTIKOLU 7, PARAGRAFU 2 A (ġdid)

2a. Il-Kumitat għandu jadotta r-regoli tal-proċedura tiegħu.

Ġustifikazzjoni

Minflok proċedura ta' mmaniġġjar għandha tkun applikata proċedura regolatorja (ara l-emenda 7 wkoll).

Emenda 18

ARTIKOLU 8, PARAGRAFU 2 A (ġdid)

2a. B'deroga għall-paragrafu 2, mill-1 ta' Jannar 2009 'l quddiem l-istatistika għal żmien qasir irregolata mir-Regolament (KE) Nru. 1165/98 u l-indiċi ta' l-ispejjeż tax-xogħol irregolat mir-Regolament (KE) Nru. 450/2003, għandhom isiru skond ir-Rev. 2 tan-NACE.

Ġustifikazzjoni

Il-paragrafu 2 ta' l-Artikolu 21 jitressaq għall-Artikolu 8 sabiex id-dispożizzjonijiet ta' implimentazzjoni jkunu kollha f'artikolu wieħed. Il-kliem użat huwa adattat kif xieraq (ara l-emenda 21 wkoll).

Emenda 19

ARTIKOLU 8, PARAGRAFU 3, PUNT (B)

b) *l-istatistika dwar l-Agricoltura taħt ir-Regolament (KE) Nru 138/2004;*

b) *Kontijiet ekonomiċi għall-agrikoltura skond ir-Regolament (KE) Nru. 138/2004;*

Ġustifikazzjoni

Kwotazzjoni korretta tar-Regolament 138/2004.

Emenda 20

ARTIKOLU 20

Bla preġudizzju għall-Artikolu 3(1) tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 58/97, l-Istati Membri għandhom jittrażmettu lill-Kummissjoni l-istatistika strutturali dwar in-negozju b'referenza għas-sena kalendarja 2008 skond kemm ir-Rev 1 tan-NACE kif

B'referenza għar-Regolament (KE, Euratom) Nru 58/97, l-Istati Membri għandhom jittrażmettu lill-Kummissjoni (*Eurostat*) l-istatistika strutturali dwar in-negozju b'referenza għas-sena kalendarja 2008 skond kemm ir-Rev 1.I tan-NACE kif

ukoll ir-Rev. 2 tan-NACE.

L-elenku ta' karatteristiċi *li għandhom ikunu trażmessi permezz tal-klassifika* tar-Rev. 1 tan-NACE *u d-dettalji dwar il-produzzjoni tar-riżultati* għandhom ikunu deċiżi skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 12 tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 58/97.

ukoll ir-Rev. 2 tan-NACE.

Għal kull wieħed mill-Annessi għar-Regolament (KE, Euratom) Nru. 58/97, l-elenku ta' karatteristiċi *u d-diviżjonijiet mitluba li jridu jiġu trażmessi skond* ir-Rev. 1.1 tan-NACE għandhom ikunu deċiżi skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 13 tar-Regolament (KE, Euratom) Nru. 58/97.

Ġustifikazzjoni

L-Artikolu 3(1) isemmi biss l-attivitajiet koperti mir-Regolament u għalhekk huwa limitat wisq fl-iskop tiegħu li jkun referenza valida. Għalhekk huwa xieraq li ssir referenza għar-Regolament 58/97 kollu kemm hu. Huwa ta' importanza kruċjali li fit-test leġiżlattiv jissema b'mod espliċitu l-Uffiċċju Statistiku tal-Komunitajiet Ewropej (Eurostat), peress li l-Istati Membri jittrażmettu dejta statistika esklussivament lil din l-istituzzjoni. Ir-riferiment għan-NACE irid jiġi korrett. It-tieni paragrafu irid jinkiteb mill-ġdid għall-preċiżjoni. L-Artikolu 13 tar-Regolament (KE, Euratom) Nru. 58/97 huwa l-kwotazzjoni korretta.

Emenda 21

ARTIKOLU 21, PARAGRAFU 2

2. B'deroga mill-paragrafu 1, it-tieni sottopagrafu, dan ir-Regolament għandu japplika għal statistika prodotta taħt ir-Regolament (KE) Nru 1165/98 u l-indiċi ta' l-ispejjeż tax-xogħol taħt ir-Regolament (KE) 450/2003 mill-1 ta' Jannar 2009, għal statistika li tirreferi għal attivitajiet ekonomiċi li jsiru mill-1 ta' Jannar 2009 'l quddiem.

imħassar

Ġustifikazzjoni

Il-paragrafu tressaq għall-Artikolu 8 sabiex id-dispożizzjonijiet ta' implimentazzjoni jitqiegħdu kollha f'Artikolu wieħed biss (ara l-emenda 18 ukoll).

Emenda 22

ANNEX I, DIVIŻJONI 10, GRUPP 10.3, KLASSI 10.39

Ipproċessar u *priservar* ta' frott u ħxejjex
n.e.c.

Ipproċessar u *ppreservar ieħor* ta' frott u
ħxejjex.

Ġustifikazzjoni

Kjarifika teknika.

Emenda 23

ANNEX I, DIVIŻJONI 14, GRUPP 14.1, KLASSI 14.19

Manifattura ta' ħwejjeġ oħra li jintlibsu u
aċċessorji *n.e.c.*

Manifattura ta' ħwejjeġ oħra li jintlibsu u
aċċessorji.

Ġustifikazzjoni

Kjarifika teknika.

Emenda 24

ANNEX I, DIVIŻJONI 17, GRUPP 17.2, KLASSI 17.29

Manifattura ta' oġġetti oħra tal-*karti* u l-
kartun *n.e.c.*

Manifattura ta' oġġetti oħra tal-*karta* u l-
kartun.

Ġustifikazzjoni

Kjarifika teknika.

Emenda 25

ANNEX I, DIVIŻJONI 18, GRUPP 18.1, KLASSI 18.12

Stampar *n.e.c.*

Stampar *ieħor*.

Ġustifikazzjoni

Kjarifika teknika.

Emenda 26

ANNEX I, DIVIŻJONI 23, GRUPP 23.4, KLASSI 23.49

Manifattura ta' prodotti oħra taċ-ċeramika
n.e.c.

Manifattura ta' prodotti oħra taċ-ċeramika.

Ġustifikazzjoni

Kjarifika teknika.

Emenda 27
ANNEX I, DIVIŻJONI 28, GRUPP 28.1, KLASSI 28.14

Manifattura ta' viti u valvi.

Manifattura ta' viti *ta' l-ilma* u valvi **oħra**.

Ġustifikazzjoni

Kjarifika teknika.

Emenda 28
ANNEX I, DIVIŻJONI 28, GRUPP 28.4, KLASSI 28.41

Manifattura ta' **għodod** tal-metall **tal-magni tax-xogħol**.

Manifattura ta' **magni għall-iffurmar** tal-metall.

Ġustifikazzjoni

Kjarifika teknika.

Emenda 29
ANNEX I, DIVIŻJONI 28, GRUPP 28.4, KLASSI 28.49

Manifattura ta' għodod oħra tal-magni **n.e.c.**

Manifattura ta' għodod tal-magni.

Ġustifikazzjoni

Kjarifika teknika.

Emenda 30
ANNEX I, DIVIŻJONI 32, TITOLU

Manifattura **n.e.c.**

Manifatturar **ieħor**

Ġustifikazzjoni

Kjarifika teknika.

Emenda 31
ANNEX I, DIVIŻJONI 32, GRUPP 32.9

Manifatturar ieħor.

Manifatturar *n.e.c.*

Ġustifikazzjoni

Kjarifika teknika.

Emenda 32
ANNEX I, DIVIŻJONI 33, GRUPP 33.1, KLASSI 33.17

Tiswija u manutenzjoni ta' tagħmir ieħor
għat-trasport *n.e.c.*

Tiswija u manutenzjoni ta' tagħmir ieħor
għat-trasport.

Ġustifikazzjoni

Kjarifika teknika.

Emenda 33
ANNEX I, DIVIŻJONI 41, TITOLU

Kostruzzjoni ta' binjiet

Kostruzzjoni ta' binjiet *residenzjali u mhux
residenzjali.*

Ġustifikazzjoni

Kjarifika teknika.

Emenda 34
ANNEX I, DIVIŻJONI 41, GRUPP 41.2, KLASSI 41.20

Kostruzzjoni ta' binjiet

Kostruzzjoni ta' binjiet *residenzjali u mhux
residenzjali.*

Ġustifikazzjoni

Kjarifika teknika.

Emenda 35
ANNEX I, DIVIŻJONI 46, GRUPP 46.1, KLASSI 46.18

Aġenti **li jispesjalizzaw** fil-bejgħ ta' prodotti partikulari jew **gamma ta' prodotti n.e.c.**

Aġenti **spesjalizzati** fil-bejgħ ta' prodotti partikulari **oħra**.

Ġustifikazzjoni

Kjarifika teknika.

Emenda 36

ANNEX I, DIVIŻJONI 46, GRUPP 46.3, KLASSI 46.34

Bejgħ bl-ingrossa ta' xorb **alkoħoliku** u xorb **ieħor**

Bejgħ bl-ingrossa ta' xorb.

Ġustifikazzjoni

Kjarifika teknika.

Emenda 37

ANNEX I, DIVIŻJONI 47, GRUPP 47.5, KLASSI 47.59

Bejgħ bl-imnut ta' għamara, tagħmir għad-dawl u oġġetti għad-dar **n.e.c.** minn ħwienet spesjalizzati

Bejgħ bl-imnut ta' għamara, tagħmir għad-dawl u oġġetti għad-dar **oħra** minn ħwienet spesjalizzati

Ġustifikazzjoni

Kjarifika teknika.

Emenda 38

ANNEX I, DIVIŻJONI 49, GRUPP 49.3, KLASSI 49.39

Trasport ieħor tal-passiġġieri bl-art

Trasport ieħor tal-passiġġieri bl-art **n.e.c.**

Ġustifikazzjoni

Kjarifika teknika.

Emenda 39

ANNEX I, DIVIŻJONI 49, GRUPP 49.4, TITOLU

Trasport tal-merkanzija bit-triq

Trasport tal-merkanzija bit-triq ***u servizzi tal-ġarr***

Ġustifikazzjoni

Kjarifika teknika.

Emenda 40

ANNEX I, DIVIŻJONI 55, GRUPP 55.2, TITOLU

Akkomodazzjoni għal vaganza u akkomodazzjoni oħra ***kollettiva***

Akkomodazzjoni għal vaganza u akkomodazzjoni oħra ***għal waqfiet qosra***

Ġustifikazzjoni

Kjarifika teknika.

Emenda 41

ANNEX I, DIVIŻJONI 55, GRUPP 55.2, KLASSI 55.20

Akkomodazzjoni għal vaganza u akkomodazzjoni oħra ***kollettiva***

Akkomodazzjoni għal vaganza u akkomodazzjoni oħra ***għal waqfiet qosra***

Ġustifikazzjoni

Kjarifika teknika.

Emenda 42

ANNEX I, DIVIŻJONI 56, GRUPP 56.2, KLASSI 56.29

Sevizzi oħra ta' ikel ***n.e.c.***

Servizzi oħra ta' ikel

Ġustifikazzjoni

Kjarifika teknika.

Emenda 43

ANNEX I, DIVIŻJONI 66, GRUPP 66.1, KLASSI 66.19

Attivitajiet awżiljari għal intermedjazzjoni finanzjarja ***n.e.c.***

Attivitajiet awżiljarji ***oħra*** għal intermedjazzjoni *finanzjarja*

Emenda 48
ANNEX I, DIVIŻJONI 85, GRUPP 85.6, KLASSI 85.60

Servizzi ta' sostenn għall-edukazzjoni

Attivitajiet ta' appoġġ għall-edukazzjoni

Ġustifikazzjoni

Kjarifika teknika.

Emenda 49
ANNEX I, DIVIŻJONI 87, GRUPP 87.9

Attivitajiet oħra ta' kura residenzjali *n.e.c.*

Attivitajiet oħra ta' kura residenzjali

Ġustifikazzjoni

Kjarifika teknika.

Emenda 50
ANNEX I, DIVIŻJONI 87, GRUPP 87.9, KLASSI 87.90

Attivitajiet oħra ta' kura residenzjali *n.e.c.*

Attivitajiet oħra ta' kura residenzjali

Ġustifikazzjoni

Kjarifika teknika.

Emenda 51
ANNEX I, DIVIŻJONI 95, GRUPP 95.2, KLASSI 95.29

Tiswija ta' oġġetti personali u għad-dar
n.e.c.

Tiswija ta' oġġetti personali u għad-dar *oħra*

Ġustifikazzjoni

Kjarifika teknika.

Emenda 52
ANNEX II, PUNT 1.2
Annex 1, sezzjoni 9, Sezzjoni S, Diviżjoni 95 (Regolament (KE, Euratom) Nru. 58/97)

Tiswija ta' kompjuters u oġġetti personali u imħassar għad-dar

Ġustifikazzjoni

Ir-ringiela "Diviżjoni 95" t'ħasret, għaliex l-attivitajiet rilevanti huma elenkati fil-livell tal-klasi.

Emenda 53

ANNEX II, PUNT 2, PUNT 2.1 (ġdid)
Anness 2, sezzjoni 3Regolament (KE, Euratom) Nru. 58/97)

2.1. Is-sezzjoni 3 għandha tinbidel b'li ġej:

"L-istatistika trid tkun ikkompilata għall-attivitajiet kollha koperti mis-Sezzjonijiet B, C, D u E tar-Rev. 2 tan-NACE. Dawn is-sezzjonijiet ikopru l-attivitajiet ta' qtugħ mill-minjieri u qtugħ mill-barrieri (B), ta' manifattura (C), ta' elettriku, ta' gass, ta' fwar u ta' forniment ta' arja kondizzjonata (D) u ta' forniment ta' l-ilma, tad-dranaġġ u attivitajiet ta' mmaniġġjar ta' l-iskart u dekontaminazzjoni (E). L-istatistika ta' l-intrapriżi tirreferi għall-popolazzjoni ta' l-intrapriżi kollha li l-attività ewlenija tagħhom hija kklassifikata fis-sezzjonijiet B, C, D jew E."

Ġustifikazzjoni

Biex l-affarijiet ikunu iktar ċari, qed tiġi miżjuda l-lista ta' attivitajiet li huma fil-modulu għas-settur ta' l-industrija.

Emenda 54

ANNEX III, PUNT 1.1
Anness A, parti (a), "Ambitu"Regolament (KE) Nru. 1165/98)

“Dan l-Anness japplika għall-attivitajiet kollha elenkati fit-Taqsimiet minn B sa E tar-Rev. 2 tan-NACE, jew kif ikun il-każ, għall-prodotti kollha elenkati fit-Taqsimiet

“Dan l-Anness japplika għall-attivitajiet kollha elenkati fit-Taqsimiet minn B sa E tar-Rev. 2 tan-NACE, jew kif ikun il-każ, għall-prodotti kollha elenkati fit-Taqsimiet

minn B sa E tas-CPA. It-tagħrif m'huwiex meħtieġ *fir-rigward tas-*37, 38.1, 38.2 u 39 tar-Rev. 2 tan-NACE. L-elenku tal-**gruppi** jista' jkun irriedut skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 18”.

minn B sa E tas-CPA. It-tagħrif m'huwiex meħtieġ *għad-diviżjoni* 37, *għall-gruppi* 38.1, 38.2 u *għad-diviżjoni* 39 tar-Rev. 2 tan-NACE. L-elenku **ta' l-attivitajiet mhux meħtieġa** jista' jkun irriedut skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 18”.

Ġustifikazzjoni

Is-sentenza oriġinali m'hijiex ċara, minħabba l-użu tat-terminu "gruppi", li huwa t-terminu użat għal-livell bi tliet numri tan-NACE.

Emenda 55

ANNEX III, PUNT 1.2

Anness A, parti (c), "Lista ta' varjabbli", punt 8Regolament (KE) Nru. 1165/98)

8. It-tagħrif dwar l-ordnijiet (N° 130, 131, 132) huwa meħtieġ biss għad-Diviżjonijiet li ġejjin tar-Rev. 2 tan-NACE: 13, 14, 17, 20, 21, 24, 25, 26, 27, 28, 29, 30. **Id-Diviżjonijiet** ta' l-elenku **tar-Rev. 2 tan-NACE jistgħu jkun mmodifikati** skond il-proċedura *stabbilita* fl-Artikolu 18."

8. It-tagħrif dwar l-ordnijiet (Nri. 130, 131, 132) huwa meħtieġ biss għad-Diviżjonijiet li ġejjin tar-Rev. 2 tan-NACE: 13, 14, 17, 20, 21, 24, 25, 26, 27, 28, 29, 30. L-elenku ta' **attivitajiet jista' jkun revedut** skond il-proċedura *stipulata* fl-Artikolu 18.

Ġustifikazzjoni

Aħjar jintuża l-kliem simili għal dak użat fl-emendi 54 u 56.

Emenda 56

ANNEX III, PUNT 1.4

Anness A, parti (c), "Lista ta' fatturi", punt 9Regolament (KE) Nru. 1165/98)

10. It-tagħrif *fuq il-prezzijiet ta' l-output jew l-indiċi ta' valur bl-unità* (Nri 310, 311, 312 jew 340) mhux meħtieġ għall-gruppi jew għall-kategoriji li ġejjin tar-Rev. 2 tan-NACE rispettivament is-CPA: 07.2, 24.46, 25.4, 30.1, 30.3, 30.4 u 38.3. L-elenku tal-**gruppi** jista' jkun immodifikat skond il-proċedura *stabbilita* fl-Artikolu 18.

10. It-tagħrif *dwar il-prezzijiet tal-produzzjoni u l-prezzijiet ta' l-importazzjoni* (Nri 310, 311, 312 jew 340) mhux meħtieġ għall-gruppi jew għall-kategoriji li ġejjin tar-Rev. 2 tan-NACE rispettivament is-CPA: 07.2, 24.46, 25.4, 30.1, 30.3, 30.4 u 38.3. L-elenku ta' **attivitajiet mhux meħtieġa** jista' jkun irriedut skond il-proċedura *stipulata* fl-Artikolu 18.

Ġustifikazzjoni

Aħjar jintuża l-kliem simili għal dak użat fl-emendi 54.

Emenda 57
ANNEX III, PUNT 4.3

Anness D, parti (f), "Livell ta' dettall", punt 1, ringiela 5 (Regolament (KE) Nru. 1165/98)

it-total ta' (69.1, **69.2** u 70.2).

it-total ta' (69 u 70.2).

Ġustifikazzjoni

Peress li hemm biss id-69.1 u d-69.2 għandu jinkiteb 69.

Emenda 58
ANNEX V

Anness 1, parti (b), "Kopertura", (Regolament (KE) Nru. 808/2004)

Dan il-modulu jkopri l-attivitajiet tan-negozju tat-Taqsimiet minn Ċ sa N u R u **d-Div iżjonijiet 94 u 95 tal-klassifika ta' l-istatistika fir-rigward** ta' l-attivitajiet ekonomiċi fil-Komunità Ewropea (Rev. 2 tan-NACE). It-Taqsima K se tiddaħħal bil-kondizzjoni li studji pilota minn qabel jirnexxu.

Dan il-modulu jkopri l-attivitajiet tan-negozju tat-Taqsimiet minn Ċ sa N u R u **d-Div iżjoni 95 tal-klassifikazzjoni statistika** ta' l-attivitajiet ekonomiċi fil-Komunità Ewropea (Rev. 2 tan-NACE). It-Taqsima K se tiddaħħal bil-kondizzjoni li studji pilota minn qabel jirnexxu.

Ġustifikazzjoni

L-inklużjoni tad-Div iżjoni 94 tar-Rev. 2 tan-NACE (tikorrispondi b'mod ġenerali għad-Div iżjoni 91 tar-Rev. 1 tan-NACE) ikun tkabbir tal-kopertura kurrenti u għalhekk trid titħassar.

NOTA SPJEGATTIVA

I. L-isfond leġiżlattiv

L-ewwel klassifikazzjoni statistika tan-negozji fil-Komunità tmur lura sa l-1961/63 meta ġiet stabbilita "Nomenklatura ta' l-Industriji fil-Komunitajiet Ewropej" (NICE: *Nomenclature des industries établies dans les Communautés européennes*). Fl-1965 ddaħħlet in-"Nomenklatura ta' l-Industriji fil-Komunitajiet Ewropej" (NCE: *Nomenclature du commerce dans la CEE*) li kienet qed tkopri l-attivitajiet kummerċjali kollha fil-Komunità Ewropea ta' dak iż-żmien. Dawn ġew segwiti minn żewġ klassifikazzjonijiet ġodda li dehru fl-1967. in-Nomenklatura tas-Servizzi u n-Nomenklatura ta' l-Attivitajiet Agrikoli. Fl-1970 dawn kollha "ngħaqdu" f'ċertu sens biex joħolqu l-ewwel Nomenklatura Ġenerali ta' l-Attivitajiet fil-Komunitajiet Ewropej, magħrufa aktar bl-akronimu Franċiż bħala NACE (*Nomenclature des Activités économiques dans les Communautés Européennes*), NACE 1970 jew NACE 70.

Fl-1990 inħolqot l-ewwel reviżjoni tal-klassifikazzjoni NACE¹, f'tentattiv li jitqiesu l-iżviluppi ta' l-ekonomija tul dawk is-snin kollha u li ġġib in-Nomenklatura Ewropea viċin tal-klassifikazzjoni ta' l-industriji elaborata min-Nazzjonijiet Uniti u użata mad-dinja kollha u magħrufa bħala s-CITI/ISIC (*Classification internationale type, par industrie, de toutes les branches d'activité économique/ International Standard Industrial Classification of all economic activities*, il-Klassifikazzjoni Internazzjonali Standard skond l-Industrija għall-attivitajiet ekonomiċi kollha). F'Marzu ta' l-2006 l-Kummissjoni ta' l-Istatistika tan-Nazzjonijiet Uniti approvat ir-riviżjoni ta' l-istruttura tal-klassifika elaborata mill-Grupp ta' Esperti dwar il-Klassifikazzjonijiet Ekonomiċi u Soċjali Internazzjonali, bħala l-istandard internazzjonali għall-klassifikazzjonijiet ta' attività magħrufa bħala Rev. 4 ta' l-ISIC. Sabiex ikunu riflessi t-tibdiliet ta' żvilupp teknoloġiku u strutturali ekonomiku, ġie deċiż li tinbeda t-tieni reviżjoni tal-klassifikazzjonijiet tan-NACE - "Rev. 2 tan-NACE". F'Settembru ta' l-2005 s-Sezzjoni tal-Klassifikazzjoni tal-Eurostat temmet ix-xogħol tagħha fuq l-abbozz tal-proposta, li kien ippreċedut minn numru ta' konsultazzjonijiet wiesgħin li twettqu mis-sena 2002.

II. Stimuli għall-bidla u l-objettivi tal-proposta

L-aġġornament tal-klassifikazzjoni NACE tagħmel parti mill-istrateġiji tal-Kummissjoni biex tirrevedi bir-reqqa l-istatistiki tal-Komunità. L-istruttura proposta hija kompletament kompatibbli mar-Rev. 4 ta' l-ISIC. Hija mistennija li twassal, permezz ta' komparabilità itjeb ma' standards statistiċi oħra, governanza ekonomika aħjar fuq il-livell Ewropew u fuq dak nazzjonali bis-saħħa tal-ġbir, tat-trasmissjoni u tal-pubblikazzjoni koordinati ta' dejta statistika. Għandu jinftiehem *per se* li huwa vitali għall-Ekonomija Ewropea li l-kategoriji differenti ta' dejta ekonomika klassifikata għandhom ikunu interpretati b'mod uniformi fl-Istati Membri kollha.

III. Implimentazzjoni

¹ Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3037/90 [ĠU L 293, 24.10.1990].

Ġiet imfassla aġenda ta' implimentazzjoni preliminarja għar-Rev. 2 tan-NACE bil-koperazzjoni tal-Grupp ta' Esperti dwar "L-Implimentazzjoni tan-NACE/CPA" magħmula minn esperti ta' l-Eurostat, esperti nazzjonali u rappreżentanti tal-Bank Ċentrali Ewropew.

In-NACE huma adottati fl-Istati Membri ta' l-UE permezz ta' Regolamenti tal-Kunsill u tal-Parlament. Għalhekk, hemm sensiela ta' atti u strumenti legali li jkollhom jiġu adattati minħabba r-reviżjoni. Dawk l-aktar importanti huma elenkati, kif għandu jkun, mill-Kummissjoni fil-proposta tagħha għal Regolament. Fil-każ ta' leġiżlazzjoni statistika, ħafna drabi huwa regolament ta' qafas li jiddefinixxi l-karatteristiċi u l-istandards ġenerali.

Skond il-prinċipju tas-sussidjarjetà, huwa f'idejn l-Istati Membri biex jellaboraw il-metodi tagħhom sabiex jikkonformaw mar-rekwiżiti. Skond l-Artikolu 4 tar-Regolament propost, l-istatistiki ta' l-Istati Membri ppreżentati skond l-attivitajiet ekonomiċi għandhom isiru bl-użu tar-Rev. 2 tan-NACE jew klassifikazzjoni nazzjonali maħruġa minnha. Huwa mistenni li dan il-proċess ta' implimentazzjoni u t-fassil ta' reġistru speċifiku għal kull Stat Membru bbażat fuq in-NACE rveduta, tkun operazzjoni kumplessa ħafna. Huwa probabbli li l-verżjoni nazzjonali tar-Rev. 2 tan-NACE tkun mogħnija minn intestaturi u livelli addizzjonali, u barra minn hekk jista' jintuża kkodifikar differenti. Din l-għażla teżisti sabiex tiżgura li r-Regolament tar-Rev. 2 tan-NACE jaħseb ukoll għall-elementi speċifiċi nazzjonali ta' l-ekonomija ta' Stat Membru.¹ Ovvjament, sabiex wieħed jiggarantixxi l-applikabilità u l-konsistenza tal-klassifikazzjoni nazzjonali, il-Kummissjoni għandha tivverifika l-konformità u tawtorizza l-abbozz nazzjonali.

Fi Frar ta' l-2005, il-Grupp ta' Esperti dwar "L-Implimentazzjoni tan-NACE/CPA" imsemmi hawn fuq interroga lill-Istati Membri dwar l-istrateġiji tagħhom biex jimplementaw in-NACE. Fost is-26 pajjiż li ddeċidew li jilqgħu d-domanda, maġġoranza sostanzjali ta' 20 stat iddikjarat ir-rieda li jfasslu verżjonijiet nazzjonali tal-klassifikazzjoni tar-Rev. 2 tan-NACE, ovvjament f'konformità sħiħa mal-liġi Komunitarja. Tnejn minnhom, Malta u l-Litwanja ddikkjaraw li huma lesti li jadottaw direttament il-verżjoni Ewropea. L-istess prinċipju ġie mħabbar f'isem Spanja, ħlief għal xi ftit tibdiliet x'isiru. Franza, l-Irlanda u l-Ungerija ddeċidew li jżommu l-opinjoni finali tagħhom dwar it-fassil ta' verżjoni nazzjonali tar-Rev. 2 tan-NACE sakemm ir-Regolament tal-Komunità jkun analizzat sew mill-esperti nazzjonali.

Billi dawn il-klassifikazzjonijiet partikulari għandhom ikunu disponibbli għall-Istati Membri kollha u għall-atturi ekonomiċi tagħhom, għandha tingħata attenzjoni kbira lit-fassil ta' strumenti supplimentarji, bħal ma huma noti spjegattivi jew indiċi. Wara kollox, ladarba tkun inbniet l-istruttura tar-Rev. 2 tan-NACE fuq livell nazzjonali, il-problema ċentrali tkun li d-dejta disponibbli ssir b'mod li jinftiehem u li tista' tintuża mill-partijiet interessati.

Huwa propost li l-ewwel sena ta' referenza għar-Rev. 2 tan-NACE tkun l-2008 u kwalunkwe statisika li tirreferi għall-attivitajiet ekonomiċi eżegwiti mill-1 ta' Jannar 2008 'l quddiem għandhom isiru skond ir-Rev. 2 (jew il-klassifikazzjoni nazzjonali rispettiva). L-ippjanar ta' l-implimentazzjoni nazzjonali huwa bbażat fuq żewġ dati konkreti li huma stipulati fl-abbozz

tar-Regolament:

- 2008: L-implimentazzjoni tar-Rev. 2 tan-NACE fi Statistika Strutturali tan-Negozju,
- 2009: L-implimentazzjoni tar-Rev. 2 tan-NACE fi Statistika fuq Żmien Qasir u fl-Indiċi ta' l-Ispejjeż tax-Xogħol

IV. Struttura

Kemm għar-Rev. 4 ta' l-ISIC kif ukoll għar-Rev. 2 tan-NACE, in-numru ta' taqsimiet qed jikber minn 17 għal 21, u n-numru tad-diviżjonijiet minn 62 għal 88. Il-bidliet qed isiru fuq kull livell tal-klassifikazzjoni u jintroduċu setturi ġodda għall-utilitajiet, għall-provvista ta' l-ilma, għad-dranaġġ, għall-immaniġġjar ta' l-iskart u remedjazzjoni, għall-ICT u għal servizzi professjonali, xjentifiċi u tekniċi. Jirrifletti tajjeb ħafna l-importanza dejjem akbar ta' attivitajiet ta' servizzi fl-ekonomiji fl-aħħar sentejn. L-abbozz tar-Regolament ma jkoprix il-produzzjoni ta' l-istatistika għall-kontijiet nazzjonali, għall-agrikoltura u l-bilanċ ta' pagamenti, għall-kummerċ internazzjonali fis-servizzi u għall-investment barrani dirett.

L-istruttura Rev.2 tan-NACE:

Livell I	jikkonsisti minn intestaturi identifikati minn kodiċi alfabetiku (taqsimiet),
Livell II	jikkonsisti minn intestaturi identifikati minn kodiċi numeriku b'żewġ numri (diviżjonijiet),
Livell III	jikkonsisti minn intestaturi identifikati minn kodiċi numeriku bi tliet numri (gruppi),
Livell IV	jikkonsisti minn intestaturi identifikati minn kodiċi numeriku b'erba' numri (kategoriji),

Fir-raba' livell, li hu l-aktar dettaljat, ir-reviżjoni tikkonsisti minn madwar 620 kategorija, meta mqabbla mal-514 attwalment taħt ir-Rev. 1.1 Bħalissa hija l-Ġermanja li għandha l-klassifikazzjoni l-aktar dettaljata (1041 kategorija), segwita mill-Italja (883), l-Olanda (870) u l-Belġju (800).

PROĊEDURA

Titolu	Proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jstabbilixxi l-klassifika ta' l-istatistika ta' attivitajiet ekonomiċi Reviżjoni 2 tan-NACE u jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3037/90 kif ukoll ċerti Regolamenti tal-KE dwar setturi speċifiċi ta' l-istatistika					
Referenzi	COM(2006)0039 – C6-0041/2006 – 2006/0011(COD)					
Data meta ġiet ippreżentata lill-PE	6.2.2006					
Kumitat responsabbli Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	ECON 16.2.2006					
Kumitat(i) mitlub(a) jagħti/u opinjoni Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	INTA 16.2.2006 6	EMPL 16.2.2006	ENVI 16.2.2006	ITRE 16.2.2006	TRAN 16.2.2006	AGRI 16.2.2006
Opinjoni(jiet) mhux mogħtija Data tad-deċiżjoni	INTA 21.2.2006 6	EMPL 15.2.2006	ENVI 21.2.2006	ITRE 25.4.2006	TRAN 22.2.2006	AGRI 21.2.2006
Koperazzjoni iktar mill-qrib Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja						
Rapporteur(s) Data tal-ħatra	Guntars Krasts 14.3.2006					
Rapporteur(s) preċedenti						
Proċedura simplifikata - data tad-deċiżjoni						
Bażi legali kkontestata Data ta' l-opinjoni tal-JURI						
Dotazzjoni finanzjarja emendata Data ta' l-opinjoni tal-BUDG						
Konsultazzjoni mill-PE mal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew - data tad-deċiżjoni fis-seduta plenarja						
Konsultazzjoni mill-PE mal-Kumitat tar-Reġjuni - data tad-deċiżjoni fis-seduta plenarja						
Eżami fil-kumitat	3.5.2006	12.6.2006.	12.7.2006			
Data ta' l-adozzjoni	12.7.2006.					
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: -: 0:	20 0 0				
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Zsolt László Becsey, Udo Bullmann, Ieke van den Burg, Manuel António dos Santos, Elisa Ferreira, Jean-Paul Gauzès, Robert Goebbels, Gunnar Hökmark, Piia-Noora Kauppi, Wolf Klinz, Guntars Krasts, Antolín Sánchez Presedo, John Purvis, Bernhard Rapkay, Ivo Strejček, Margarita Starkevičiūtė					
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Pilar del Castillo Vera, Satu Hassi, Thomas Mann					

Sostituti(i) skond l-Artikolu 178(2) preżenti għall-votazzjoni finali	Bill Newton Dunn
Data tat-tressiq	17.7.2006
Kummenti (informazzjoni disponibbli b'lingwa waħda biss)	...